**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 274/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2216/2003)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-attriċi u l-konvenut iżżewġu fil-Knisja ta' San Girgor iż-Żejtun fil-5 ta' Diċembru tas-sena 2003 kif indikat f'Dok A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldet il-minuri E D fid-29 ta' Ottubru tas-sena 2007 li llum għandha 14-il sena, kif indikat fiċ-Ċertifikat tat-Twelid f'Dok B;
3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar 7 snin jiġifieri mill-20 ta' Jannar tas-sena 2015 u separati de jure permezz ta' kuntratt redat min-Nutara Mary Grech Pace u awtorizzat minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu tas sena 2021, liema kuntratt hu anness bħala Dok C;

4. Illi mid-data tas-separazzjoni l-esponenti u l-intimat għexu ħajjithom kompletament separati u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

5. Illi m'hemm l-ebda pendenzi legali li jirregolaw iż-żwieġ tal-partijiet oltre għal dawk stabbiliti fil-kuntratt;

6. Illi l-manteniment versu t-tifla dejjem qiegħed jitħallas u m'hemm ebda arretrati jew manteniment dovut;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-kisba tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jgħid ghaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi regisstrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi l-esponenti laqgha personalment in-notifika tar-rikors de quo nhar l-4 ta' Ottubru, 2022;

2. Illi b'risposta ghar-rikors de quo, l-esponenti jissottometti li l-fatti kontenuti huma korretti u ghalhekk mhux qieghed jikkontesta u/jew jopponi ghat-talba tar-rikorrenti;

3. Illi u a' skans ta' repetizzjoni l-esponenti jiddikjara li bejn il-partijiet ma jeziztu ebda pendenzi ta' manteniment, ma tezizti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni u li l-partijiet ilhom de facto separati minn Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u li għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti ai termini tal-Ligi sabiex it-talba tar-rikiorrenti tkun milqugha;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti għas-savju gudizzju ta' dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta’ Gunju 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Marzu 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.